# QORTI ĊIVILI – PRIM’AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Seduta tal-lum it-Tnejn 10 ta’ Lulju, 2023**

**Rikors Ġuramentat Nru.: 14/2018 MH**

**Numru: 8**

**Tecnomarine Holdings Limited**

**Vs**

**Hemingway Charter Limited**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors ġuramentat tas-soċjetà attriċi tat-8 ta’ Jannar, 2018** fejn ġie premess u mitlub is-segwenti:-

1. *Illi s-socjeta attrici tiggestixxi negozju ta hazna u manutenzjoni ta dghajes minn gewwa Boat Yard f’Burmarrad;*

2. *Illi s-socjeta ntimata hija 1-proprjetarja ta Motor Cruiser tal-Marka Benetteau Montecarlo 32 registrata Valletta bl-isem ta Hemingway 1;*

3. *U peress illi din id-dghajsa kienet tinsab fqaghda dilapidata. is-sur Gernot Freidhuber. direttur tas-socjeta ntimata kien ingaggja lill-esponent nomine sabiex jahdem fuqha xogholijiet ta manutenzjoni, riparazzjoni u miljoramenti biex tigi reza fi stat ottimu;*

4. *Illi s-socjeta attrici espletat dan 1-inkariku skond id-direttivi u istruzzjonijjet moghtija mis-socjeta ntimata;*
5. *Illi x•xogholijiet mahduma gew jiswew €16,403 u meta mitluba biex thallas, issocjeta ntimata baqghet tirrifjuta li taghme dan ghax kienet qed tikkontesta patti zghira mitl-istess kont;*

6. *Illi ghalkemm giet skambjata diversi korrispondenza bejn il-kontendenti sabiex jigu evitati 1-odjemi proceduri. il-partijiet baqghu ma waslux ghal ftehim:*

7. *Illi ghalhekk is-socjeta ntimata ghadha debitrici favur is-socjeta attrici flammont ta €16,401 rapprezentanti 1-valur ta xogholijiet esekwiti fuq il precitata dghajsa.*

8. *Illi ghalhekk is-socjeta attrici giet kostretta tistitwixxi 1-odjemi proceduri.*

9. *'Iti dawn il-fatti huma maghrufa personalment litl-esponent nomine.*

*Ghatdaqstant s-socjeta attrici qed titlob bir-rispett illi dina '-Onorabbli Qorti joghgobha ghar-ragunijiet premessi:-*

1. *Tikkundanna lis-socjeta ntimata sabiex thallas lis-socjeta attrici s-somma ta €16,401 rapprezentanti valur ta xogholijiet esekwiti fuq id-dghajsa Motor Cruiser tal-Marka Beneteau Montecarlo 32 registrata Valletta bl-isem ta Hemingway*

*BI-ispejes inkluzi dawk ta Ittra ufficcjali prezentata ai termini tal-Artikolu 166 [a] Kap 12 tal-Ligijiet ta Malta datata 29 ta Novembru 2017 u ta mandat ta sekwestru kawtelatorju li jgib 1-istess data u bl-interessi legali dekorribbli mid-data ta meta gie espletat 1-inkariku kontra s-socjeta ntimata"*

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta [1] Hemingway Limited tat-12 ta' Frar, 2018** fejn ġie premess u mitlub is-segwenti:-

1. *Illi preliminarjament, is-socjeta' attrici trid tipprova li hija pprovdiet ix-xogholijiet mertu ta' dawn il-proceduri.*

2. *Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta' esponenti tirrileva li hi preparata thallas 1-ammont ta' Eur 13,044 mill-ammont pretiz, dment li s-socjeta' attrici tohrog fattura specifikament ghal dan 1-ammont u kontenenti 1-isem tas-socjeta' esponenti bin-numru tal-VAT taghha.*

3. *Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta' esponenti hija lesta li thallas l-ammont ta' Eur 13,044 lis-socjeta' attrici ghar-raguni li tali ammont jirrappresenta 1-ispejjez tax-xogholijiet li s-socjeta' esponenti inkarigat lis-socjeta' attrici twettaq. Filwaqt li ammont ta' Eur 3,357 qed jigi kkontestat bhala pretiza infondata fil-fatt*

[1] Folio 8

*u fid-dritt peress illi s-socjeta' esponenti qatt ma inkarigat lis-socjeta' attrici biex twettaq ix-xogholijiet li 1-ispiza taghhom jammonta ghal dina c-cifra ta' Eur3,357; u peress illi s-socjeta' esponenti qatt ma giet infurmata min qabel li s-socjeta' attrici kienet ser tesegwixxi tali xogholijiet.*

4. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkonsidrat:

Illi mill-provi mressqa jirriżulta illi s-soċjeta' attriċi u dik konvenuta daħlu f'arrangament biex dik ta' l-ewwel tirranga, tista tgħid b'mod drastiku l-boat li kienet tappartjeni lill-konvenuta u li kienet tinsab mitluqa ġo yard oħra.

A priori ssir referenza għan-nota ta' riduzzjoni li l-attur ippresenta fl-atti tal-kawża għal ammont nieqes dak ta' €12,420.51[2] stante pagament fil-mori bħala ħlas akkont. Dan l-ammont imħallas għalhekk ma kienx ikkontestat bejn il-partijiet.

[2] Folio 61

Tqies l-linja ta' difiza mressqa hija li għalkemm is-soċjeta' konvenuta vera kkuntrattat ma' l-attriċi biex jsiru xogħolijiet fuq il-boat imsemmija, pero' iżżid illi hi kienet ippreparata tħallas biss l-ammont ta' €13,044 u kienet qed tikkontesta l-ammont ta' €3,357, inkwantu targumenta li hi qatt ma inkarigat l-attriċi teseġwixxi xogħolijiet f'dan l-ammont u li hi qatt ma ġiet infurmata b'hekk minn qabel.

**Provi mressqa.**

Is-soċjeta' attriċi tressaq provi primarjament tramite x-xhieda ta' **Charles Schembri**. Esebixxa diversi invoices, tnejn, waħda li turi  ammont mhux kontestat ta' tnax-il elf, erbgħa mija u għoxrin uwro u wieħed u ħamsin ċenteżmu inkluż Vat u t-tieni waħda bin-numru 1282 fl-ammont ta' ikkontestat ta' tlett elef, disgħa mija, tnejn u  tmenin ewro u ħamsin ċenteżmu inkluż Vat.

Esebixxa diversi ritratti tax-xogħol li sar fuq il-boat, l-istat li kienet u kif ġabha bix-xogħol li għamel fuqha. Spjega li hu kien iqabbad in-nies għal dan l-iskop. Esebixxa sensiela ta' texts, messaġġi mill-mobile tal-konversazzjonijiet li kellu ma' sid il-boat, direttur tas-soċjeta' tal-konvenuta, fuq l-awtorizżazjoni li kien jagħtih dwar it-tiswijiet li kellhom isiru fuq il-boat in kwistjoni. Jispjega li kien dan li kien talbu jmur jieħu l-boat minn ġo yard oħra fejn kienet suppost għal maintenance u tiswija, joħodha minn hemm u jagħmel tiswijiet fuqha.  Qal li kienu

ħallew il-boat ġo din il-yard għal sena u tmien xhur u li meta ġabarha kienet mimlija kollha ħmieg, magni maqlugħin. Għalhekk jiddeskrivi l-istat ħażin li sabha fih. Ġie mitlub joħodha minn hemm u jagħmilha *sea worthy*.

Xehed li x-xogħol tlesta u li d-direttur ħadha minn għandu wkoll li kien għadu ma tħallasx tat-tieni invoice. Il-kontestazzjoni kienet dwar l-ammont ta' €1875 plus VAT li kienu tas-servizzi tiegħu wkoll l-ispejjeż ta' tindif u polish ta' l-istess boat fl-ammont ta' €1500. Jispjega li l-oġġezzjoni kienet li fuq dawn l-ammonti kien *overcharging*.

In kontro eżami jispjega ukoll illi biss fit-tieni kont ikkontestat kien hemm id-dovut tas-servizzi tiegħu. Jinsisti lil perċentaġġ dovut għas-servizzi tiegħu kienu biss fit-tieni wieħed. F'dan il-kuntest innega li hu kien ġia qed jieħu perċentaġġ tax-xogħol magħmul fuq il-kont mhux kontestat.

Presenta diversi kontijiet u rċevuti tax-xogħol li sar minn terżi mqabbda minnu fuq il-boat.[3] Esebixxa ukoll set ta' messaġġi oħra li għaddew bejnu u bejn id-direttur. [4]

[3] Dok A – Dok G folio 75 sa 81
[4] Folio 82 sa112

Xehed ukoll **Redent Grixti** miġjub mis-soċjeta' attriċi. [5] Ikkonferma li hu kien ħadem fuq id-dgħajjsa n kwistjoni fis-sens li naddafha, għamilha l-antifouling ukoll il-polish. Spjega li kien fiha ħafna xogħol. Ukoll li kienet imkabbra ħafna. Xehed ukoll li kien tħallas ta' dan mingħand Charles Schembri fl-ammonti ta' tmien mitt ewro għal *anti fouling* u elf u ħames mija għal polish.[6]

**In kontro eżami** Grixti ikkonferma li kien Charles Schembri li kien inkarigah jagħmel dan ix-xogħol. Ukoll li hu ma kellu ebda kuntatt ma' sid id-dgħajsa. Jikkonferma li hu lanqas jaf min hu sid id-dgħajsa. Ikkonferma invoice, li hu jsejjaħ irċevuta li turi l-ammonti minnu reklamati għax-xogħol li hu għamel li qegħda esebita a folio 76.[7]

Da parti tiegħu **Gernot Friedhuber**, id-direttur tas-soċjeta' konvenuta ppresenta affidavit. Jingħad li fil-bidu dan ma kienx ġuramentat pero aktar tard din is-sitwazzjoni ġiet rimedjata. [8]

Jiġi notat li l-Avukat ta' l-attur ippresenta nota fejn iddikjara li kien bi ħsiebu jagħmel il-kontro eżami ta' l-imsemmi direttur tas-soċjeta' konvenuta. [9] Għalhekk fis-seduta tal-21 ta' Ottubru, 2022 [10] ġie miftiehem li darba li jiġi ppresentat l-affidavit

[5] Folio 116
[6] Folio 117
[7] Dok. B.
[8] Folio 129
[9] Folio 134.
[10] Folio 140

ġuramentat ta' Gernot, li kellu jissostitwixxi dak li ma kienx, kellu jiġi komunikat l-online address tad-direttur tal-konvenuta biex ikun jista' jsirlu l-kontro eżami.

Pero' meta waslet is-seduta għal dan l-iskop l-istess Friedhuber naqas li jidher online. Ukoll l-assistiti tiegħu ddikjaraw li kienu tilfu kull kuntatt mal-klijent tagħhom.

Fuq talba tas-soċjeta' attriċi u wara li semgħet il-partijiet, il-Qorti għaddiet biex tordna l-isfilż tal-affidavit ta' Gernot Friedhuber.[11]

Rat ukoll li l-partijiet qabblu li l-kawża tmur għas-sentenza bla ħtiega ta' noti jew trattazzjonijiet.

Ikkonsidrat:

Illi t-talba in kwistjoni tiċċentra madwar ħlas għal servizzi reżi mis-soċjeta' attriċi lis-soċjeta' konvenuta fir-rigward ta' tindif, rranġar u refurbishment ta' boat appartenenti lil ta' l-aħħar sakemm din ġiet f'kundizzjoni ta' *seaworthiness.* Il-persuni involuti f'dan in-negozju kienu Charles Schembri direttur tas-

[11] Folio

soċjeta' attriċi li kien qed jitkellem u jsegwi direzzjonijiet mid-direttur tas-soċjeta' konvenuta, Gernot Friedhuber.

Il-boat in kwistjoni nġabret minn boatyard oħra fejn kienet mitluqa, dejjem fuq struzzjonijiet ta' Friedhuber lil Schembri, u da parti tiegħu Schembri beda jikkordina ma' servizzi oħra bħal mechanic, tindif, installar u xogħoljiet oħra li kienu bżonnjużi biex din id-dgħajsa tiġi tajba għal baħar. Hekk ġara, tant li d-dgħajsa ġiet varata għas-sodisfazzjon ta' Friedhubar.

Mill-messaġġi esebiti jidher li kien hemm diskors u komunikazzjoni għaddejja rigwardanti x-xogħolijiet li kienu meħtiega fuq l-istess boat, xogħolijiet li kienu dejjem approvati minn Friedhuber. Jidher ukoll mill-istess messaġġi li Friedhuber kien avżat li - boat kienet se titnaddaf ukoll li jsirilha antifouling u polish. Ma jirriżultax mill-istess messaġġi li hu staqsa għal xi spejjeż ta' l-istess.[12]

Jidher li d-disgwit bejn l-imsemmija nqala' fil-fatt fuq il-pagament ta' dan ix-xogħol affettwat fuq il-boat minn istruzzjonijiet mogħtija minn Schembri, ukoll imħallsa minnu.

[12] Folio 90.

Friedhuber mhux qed jikkontendi l-bżonn ta' l-istess xogħoljiet daqskemm l-ispejjeż ta' l-istess, jargumenta li huwa prezz għoli immens u li ma ġiex ikkonsultat fuq hekk qabel ma ġie kkuntrattat l-istess xogħol. Jirreżisti wkoll iħallas lil Schembri tas-servizzi tiegħu. Mill-kontro-eżami li sarlu jidher li Friedhuber jikkontendi li hu ġia ħallas ta' l-istess fl-ewwel invoice in kwantu Schembri kien żamm perċentwali għalih.

Il-Qorti tqies li l-argumenti tal-konvenuta ma jreġġux. Friedhuber kellu kull opportunita' jiskopri l-prezzijiet waqt il-komunikazzjoni li żamm ma' Schembri. Naqas hu li jagħmel dan f'għaġġla apparenti li kellu biex jvara l-boat. Dan huwa lampanti mill-messaġġi esebiti mhux ikkontestati.

Punt ieħor li jogħkor il-Qorti hu li donnu jippretendi li Schembri tah is-servizzi tiegħu b'xejn, meta Schembri kien dejjem hu li mill-bidu sa l-aħħar sab u ingaġġa n-nies, b'responsabilta' għalih, biex jġib kif miftiehem il-boat *seaworthy*.

Ikkunsidrat:

Illi kif ġia premess l-attriċi ddikjarat li hi qegħda titlob il-bilanċ rimamenti mis-somma originali billi tirriduċi t-talba bl-ammont ta' €12,420.15. It-talba oriġinali għal ħlas hija fl-ammont ta' €16,401 li ridotta bis-somma ndikata tammonta għal **€3,980.85**.

Il-Qorti fil-fatt tqies li l-flejjes li skont Schembri li ma ġewx imħallsa lilu, il-pendenzi huma dawk fl-ammont ta' €3,375 ċioe' ta' €1875 plus VAT li kienu tas-servizzi tiegħu wkoll l-ispejjeż ta' tindif u polish ta' l-istess boat fl-ammont ta' €1500. Dawn iċ-ċifri ta' l-aħħar jammontaw għal ammont totali ta' **€3,375**.

Ovvjament fuq dawn huwa dovut il-Vat kif jirrikonoxxi l-istess Schembri.

Il-Qorti għalhekk ma tistax tilqa' t-talba għal bilanċ ta' €3,980.85 in kwantu ma jirriżultalix dan.

**Pero' qegħda taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' t-talbiet b'dan illi tikkundanna lis-soċjeta' intimata tħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' **~~€3,375.00~~ rappresentanti bilanċ ta' valur ta' xogħolijiet esegwiti fuq id-dgħajsa Motor Cruiser tal-Marka Beneteau Montecarlo 32 registrata Vallettta bl-isem Hemingway.**

**Bl-ispejjez inklużi dawk tal-ittra uffiċjali preżentata ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta datata 29 ta' Novembru, 2017 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li jġib l-istess data.**

**Bl-interessi dovuti skont d-data tad-dovut sal-ħlas tal-pagament effettiv.**

**Onor Imħallef Dr. Miriam Hayman LL.D.**

**Rita Falzon**
**Dep. Reġ.**

**Korrezzjoni awtoriżżata b'digriet tal-14 ta' Lulju 2023

€3980.85

Rita Falzon

Dep. Reġ